

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Każ COMP/M.5186 — Investor AB/Altor/Lindorff JV)**  
**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**  
**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**  
**(2008/C 155/09)**

1. Fil-11 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriżi Investor AB ("Investor", l-Iżvezja), u Altor Fund II u Altor 2003 (flimkien "Altor", l-Iżvezja) jakkwistaw skond it-tifsira ta' l-Artikolu 3 (1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill il-kontroll konġunt ta' l-impriżi Lindorff Group AB ("Lindorff", l-Iżvezja), li attwalment huma kkontrollati biss minn Fond Altor 2003, billi xtraw l-ishma.

2. L-attivitajiet ta' negozju ta' l-impriżi kkonċernati huma:

— għal Investor: kumpanija ta' investiment, li qiegħda fil-Borża ta' Stokkolma,

— għal Altor: fondi ta' investiment ta' ekwità privata, b'kumpaniji ta' portafoll attivi f'varjetà ta' setturi industrijali,

— Lindorff: servizzi ta' ġbir ta' debitu lill-klijenti fis-setturi bankarji, finanzjarji, tat-telekomunikazzjonijiet, il-kummerċ, l-utilitajiet u s-settur pubbliku.

3. Wara l-ewwel eżaminazzjoni, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni aħħarija dwar dan il-punt hija riżervata. Skond in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup> għandu jiġi nnotat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jissottomettu lill-Kummissjoni l-kummenti li jista' jkollhom dwar din l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-fax (fax nru (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5186 — Investor AB/Altor/Lindorff JV, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Ir-Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
B-1049 Bruxelles/Brussell

<sup>(1)</sup> ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠUC 56, 5.3.2005, p. 32.